**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. F)**

Illum 09 ta' Ġunju, 2020

Rikors Numru: 155/2018 AL

**A B C**

**Vs**

**D E F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fit-13 ta' Ġunju, 2018 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi r-rikorrent u l-intimata huma legalment separati permezz ta' kuntratt pubbliku datat l-1 ta' Settembru 2009 fl-Atti tan-Nutar Dr. Sean Critien (ara Dok. A hawn anness);

2. Illi l-partijiet għandhom tliet (3) ulied u ċioe' G li twieldet nhar it-12 ta' Lulju 2003 (ara ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha hawn anness u mmarkat

bħala Dok. B), H I li twieled nhar is-17 ta' Ġunju 2005 (ara ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu hawn anness u mmarkat bħala Dok. Ċ) u J li twieldet nhar is-27 ta' Settembru 2007 (ara ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha hawn anness u mmarkat bħala Dok. D) u li għalhekk l-istess ulied huma lkoll minorenni;

3. Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi u ċioe' A C vs D F (Rikors Ġuramentat Numru 242/2011 AL), il-kuntratt ta' separazzjoni msemmi aktar 'il fuq ġie emendat fejn jidħlu kwistjonijiet ta' aċċess u safar da parti tal-intimata kif ukoll li r-residenza tal-minuri għandha tibqa' hawn Malta kif aħjar spjegat fl-istess sentenza hawn annessa u mmarkata bħala Dok. E;

4. Illi permezz ta' sentenza oħra fl-ismijiet D E F vs A C (248/11AL), filwaqt li ġie dikjarat li l-intimata għandha problemi ta' natura psikoloġika u jeħtiġilha l-kura f'dan ir-rigward ċaħdet it-talbiet ta' D E F relatati mas-safar kif aħjar spjegat fl-istess sentenza hawn annessa u mmarkata bħala Dok. F;

5. Illi permezz ta' kuntratt pubbliku ieħor datat it-28 ta' Jannar 2014 (ara Dok. Ġ hawn anness), il-partijiet emendaw kemm l-ewwel kuntratt ta' bejniethom u ċioe' emendaw il-kuntratt tal-1 ta' Settembru 2009 kif ukoll waslu għal ftehim dwar aspetti li rregolat l-ewwel sentenza hawn fuq imsemmija (Dok. E) b'dan li allura l-minuri H I kien mar jirrisjedi mar-rikorrent;

6. Illi minn mindu ġie publikat il-kuntratt hawn fuq imsemmi, reġgħu inbidlu ċ-ċirkustanzi stante li għal dawn l-aħħar sena u nofs u aktar, anke l-minuri G u J marru jirrisjedu mar-rikorrent biex issa t-tliet minuri huma miġbura taħt saqaf wieħed mar-rikorrent missierhom;

7. Illi r-rikorrent ilu għal dawn l-aħħar sena u nofs jerfa' r-responsabbilita' ta' tliet (3) ulied b'mod esklussiv u jixtieq li s-sitwazzjoni preżenti tiġi kristallizzata permezz ta' sentenza u ċioe' li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tiġi fdata esklussivament f'idejh (anke minħabba l-problemi

psikoloġiki da parti tal-intimata kif diġa' ġie konfermat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha hawn esebita) u sabiex tkun l-intimata li tħallas manteniment adegwat għall-istess minuri;

8. Illi hu fl-aħjar interess tal-minuri li r-rikorrent jiġi fdat bil-kura u l-kustodja tat-tliet minuri u dan kemm biex l-istess minuri ma jerġgħux jiġu uprooted mill-ambjent tagħhom mar-rikorrent fejn huma ferħanin u setiljati kif ukoll għaliex l-intimata ommhom tgħix ħajja erretika, mingħajr ebda forma ta' stabbilita' ta' xejn (apparti l-problemi psikoliġiċi li għandha kif diġa' intqal u kif ser ikompli jkun pruvat fil-mori tal-kawża). Hu fl-aħjar interessi tal-minuri wkoll li r-restrizzjonijiet ta' safar fuq l-intimata hekk kif konfermati bis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet D E F vs A C (248/11AL) jerġgħu jiġu konfermati;

9. Illi l-intimata m'hijiex idoneja sabiex tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri għal diversi raġunijiet, apparti dawk imsemmija aktar 'il fuq anke (fost raġunijiet oħra) għaliex tbiddel il-boyfriends tagħha b'mod regolari u ma tistax toffri ħajja stabbli lill-uliedha;

10. Illi x-xewqa tal-istess minuri hija li jibqgħu jgħixu t-tlieta li huma kollha f'daqqa mar-rikorrent missierhom;

11. Illi huwa fl-aħjar interessi tal-minuri wkoll li r-rikorrent jiġi awtorizzat sabiex japplika għall-passport tal-minuri mingħajr il-firma, kunsens jew awtorizazzjoni tal-intimata u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

12. Illi huwa fl-aħjar interessi tal-minuri wkoll li r-rikorrent jiġi awtorizzat isiefer flimkien mal-minuri (b'mod temporanju) mingħajr il-firma, kunsens jew awtorizazzjoni da parti tal-intimata u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

13. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma rnexxietx b'dan li l-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet ġiet dikjarata magħluqa u l-istess partijiet ġew awtorizzati jipproċedu b'kawża (ara Dok. Ħ hawn anness);

14 Illi stante li l-intimata hija ta' nazzjonalita' barranija u ma tifhimx bil-lingwa Maltija, dan ir-rikors ġuramentat qiegħed jiġi tradott għal-lingwa Ingliża (ara Dok. I hawn anness);

Talab li l-intimata tghid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet suesposti:

1) Tiddikjara u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri G, H I u J f'idejn ir-rikorrent missier b'mod esklussiv;

2) Tordna li r-residenza tal-istess minuri għandha tkun mar-rikorrent missierhom;

3) Tiffissa u tillikwida somma adegwata għall-manteniment għall-minuri, liema manteniment għandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni u saħħa tal-istess minuri;

4) Tordna lill-intimata sabiex tħallas din is-somma hekk likwidata direttament lir-rikorrent f'kont bankarju ndikat mill-istess rikorrent f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull erba' ġimgħat;

5) Tawtorizza lir-rikorrent sabiex japplika għall-passaport relattiv tal-minuri mingħajr il-kunsens, awtorizazzjoni jew il-firma tal-intimata;

6) Tawtorizza lir-rikorrent sabiex isiefer barra minn Malta flimkien mal-minuri mingħajr il-firma, awtorizazzjoni jew il-kunsens tal-intimata;

7) Tikkonferma r-restrizzjonijiet u l-kondizzjonijiet imposti fuq l-intimata relatati mas-safar tal-minuri skond is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet D E F vs A C (248/11AL).

Bl-ispejjeż kontra l-intimata inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Semgħet lix-xhieda illi tressqu, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat lli l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha kawza fejn ir-rikorrent qiegħed jitlob li jiġi fdat esklussivament bil-kura u kustodja tat-tlett ulied minuri G li twieldet fit-12 ta' Lulju 2003, kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid esebit bħala Dok B a fol 21, H I li twieled fis-17 ta' Ġunju 2005 kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid esebit bħala Dok C fol 22 tal-proċess u J li twieldet fis-27 ta' Settembru 2007, kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid esebit bħala Dok D a fol 23 tal-

proċess. Huwa qed jitlob ukoll li l-konvenuta tħallas il-manteniment għall-ulied minorenni. Inoltre`, talab ukoll li jkun jista' jsiefer flimkien mal-minuri mingħajr il-firma u/jew awtoriżżazzjoni tal-konvenuta, u sabiex jiġu ikkonfermati r-restrizzjonijiet imposti fuq il-konvenuta relatati mas-safar tal-minuri skont is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet D E F vs A C, 248/11AL.

Illi jirriżulta li l-konvenuta ma ppreżentatx risposta fit-termini stabbilit mil-Liġi, għalhekk hija kontumaċi skont il-Liġi kif jirriżulta fil-verbal datat 5 ta' Marzu 2019 (fol 67).

Provi:

Ir-rikorrent xehed permezz ta' affidavit, u qal illi hu u l-konvenuta huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 1 ta' Settembru 2009, esebit bħala Dok A, u illi miż-żwieg tagħhom twieldu tlett ulied, u wara li nqalgħu numru ta' problemi bejn il-kontendenti, hu kellu jintavola kawza biex ibiddel il-kuntratt ta' separazzjoni minħabba t-tfal, liema emenda fil-kuntratt ta' separazzjoni saret permezz tal-kawża deciza minn din l-Qorti (242/2011AL). Illi s-sentenza rregolat is-safar tal-minuri u ordnat li r-residenza tal-minuri għandha tibqa' f'Malta. Nonostante dan, Il-konvenuta kienet iddeċidiet li trid tieħu lill-ulied minuri igħixu barra minn Malta, u hu kien oppona għal dan bis-saħħa kollha. Sussegwentement, permezz tal-kawża Rikors Ġuramentat Nru. 248/11, ġie deċiż li l-konvenuta kellha problemi ta' natura psikoloġika u kien jeħtiġilha l-kura f'dan ir-rigward, u għalhekk ġiet miċħuda t-talba ta' D għas-safar tal-minuri kif spjegat fis-sentenza 248/11AL, esebita bħala Dok F. L-attur kompla jixhed li l-aġir ta' D qed iħalli impatt negattiv fuq il-ħajja tal-ulied, illi l-mod ta' kif kienet tgħix, ħajja ta' xorb u tibdil frekwenti ta' 'boyfriends', ma kienx fl-interess tal-ulied, b'hekk permezz ta' kuntratt pubbliku ieħor datat 28 ta' Jannar 2014, Dok G, il-partijiet kienu emendaw l-ewwel kuntratt datat 1 ta' Settembru 2009, u H I mar igħix mal-attur, u sussegwentement reġgħu tbiddlu ċ-ċirkustanzi u anke l-ulied bniet kienu ġew igħixu miegħu, u li sal-preżentata ta' din il-kawża uliedu l-bniet kienu ilhom sena u nofs igħixu miegħu. L-attur xehed li ra kambjament kbir f'uliedu l-bniet mindu bdew igħixu miegħu, dawn reġgħu kisbu n-normalita`. Żied igħid li l-konvenuta

m'għandha l-ebda kredenzjali biex toffri ħajja stabbli lill-ulied u għalhekk ipproċeda b'din il-kawza anke peress illi x-xewqa tat-tfal hija li jkomplu igħixu miegħu. Kompla jixhed li qed jitlob li uliedu minuri għandhom id-dritt isiefru u jwessgħu l-oriżżonti tagħhom f'vakanzi u għalhekk talab li jiġi awtorizzat japplika għall-passaport tal-minuri mingħajr l-awtoriżazzjoni tal-omm. Xehed ukoll li l-konvenuta fil-preżent, ma tħallas l-ebda manteniment u għandha tibda terfa din ir-responsabbilta`, peress hu qed joħroġ flejjes kbar biex jagħti lil uliedu dak kollu li jkollhom bżonn.

Illi xehed l-ispettur K L u esebixxa Dok CC1, konsistenti f'sebgħin rapport.

Illi Mary Rose Cordina, Education officer fil-Kulleġġ Maria Regina, xehdet u esebiet kopja tal-attendenza tat-tlett itfal J, H u G bħala Dok MRC, Dok MRC1 u Dok MRC2, u tat tagħrif fuq l-attendenza tat-tfal fid-Dok MC3 u Dok MC4, minn fejn jirrizulta li t-tfal attendew għal disgħin fil-mija tas-sena skolastika. Lill-minuri G, J u H tafhom meta hija kienet kap ta' skola fil-Mellieħa. Meta fittxet l-għajnuna tal-missier rigward il-counselling li kien hemm bżonn għall-minuri, dejjem sabet il-kooperazzjoni tiegħu.

Illi xehdet M N u qalet li kienet toqgħod il-Mellieħa għal għoxrin sena u kienet ilha taf lil A u lill-familja tiegħu, spjegat li tiftakar is-sitwazzjoni tal-kontendenti qabel is-separazzjoni fejn l-atteġjament ta' D kien dejjem joħloq instabilita`. Żiedet tgħid li meta H ġie joqgħod mal-attur kien stabbli u trankwill u dan ġara anke meta ġew il-minuri l-oħra, l-ulied bniet mal-missier. Iddeskriviet lil A bħala matur, u bħala responsabbli ħafna u li jieħu ħsieb il-kura ta' wliedu.

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[1], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi

[1] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;

tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Fless vs Reverendo George Fless[2], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawza fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[3], u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[4], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut".

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[5].

Illi f'dan il-kuntest, ta' min isemmi wkoll li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jistipula "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li

[2] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;
[3] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956
[4] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).
[5] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

"(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.

(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' ohra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

(3).Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.

(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust."

APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi fil-kawża in eżami, jirriżulta li l-konvenuta hija kontumaċi u għandu jingħad li l-kontumaċja hija fiha innifisha mhijiex ammissjoni iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza.

"Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni." (Charles Saliba vs Salvu Borg – deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 1997, u skont dejjem kif ġie referut minn dawn il-Qrati, l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabilixxi l-verita tal-fatti."[6]

Għalhekk, jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova illi t-talbiet tiegħu huma ġustifikati fil-fatt u fid-dritt.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-ulied minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi l-konvenuta meta kienet qed iżżomm lill ulied għal xi żmien, ma aġixxietx b'mod idoneu. Sussegwentement, jirriżulta li ma kinitx tħallas għall-manteniment u lanqas turi interess jew issegwi lil uliedha. Fiċ-ċirkostanzi, jirriżulta li r-rikorrent kellu jirrikorri għal kawża il-Qorti Rikors Guramentat Nru. 242/2011AL, esebita Dok E, fejn ġie deċiż li D F ma setgħetx toħroġ lit-tfal minuri barra mill-pajjiż meta hija tkun biħsiebha ssiefer. Permezz ta' din l-istess sentenza ġiet emendata l-kFsola fil-kuntratt tal-aċċess u safar tal-minuri, kif hemmhekk indikat.

Illi jirriżulta wkoll, li sussegwentement għal din id-data permezz ta' sentenza oħra Rikors Guramentat Nru. 248/11AL, ġie deċiż li t-tfal jinsabu kuntenti f'Malta u ma jixtiqux jinqatgħu minn ma' missierhom, għalhekk it-talba ta' l-omm biex tmur taħdem barra minn Malta u tieħu lil uliedha magħha ġiet miċħuda. Illi wara li din il-Qorti kkunsidrat il-kontenut ta' dawn is-sentenzi mogħtija minn din il-Qorti kif ippreseduta tiddeċiedi illi l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri għandha tkun fdata bħala unikament u esklussivament f'idejn ir-rikorrent. Di piu`, il-Qorti kkunsidrat ukoll li r-rikorrent huwa responsabbli għall-għixien u t-trobbija tal- ulied minuri fl-assenza tal-konvenuta, b'mod li jipprovdilhom dak kollu meħtieġ. Illi l-ewwel kien H I li kien mar jogħod ma' missieru, iżda sussegwentement, J u G ukoll marru joqgħodu fid-dar ma' missierhom. Ikkunsidrat ukoll, li mir-

[6] Ruth Apap vs Noel Apap deciza mill-Prim' Awla fit-30 ta' Gunju 1995, u Emanuel Spiteri et vs Bernadette Meilak noe, Prim' Awla deċiża fil-15 ta' Jannar 2014; Raymond C pro et noe vs Christopher Galea, Prim' Awla deċiża fis-26 ta' April 2001; Ronald Miclalef et vs Subway Malta Limited, Prim' Awla deċiża fis-6 ta' Marzu 2001.

rapporti tal-Pulizija li ġew esebiti, Dok CC1, jirriżulta li l-konvenuta D kienet involuta f'diversi turbolenzi familjari fid-dar, ma' persuni u rġiel differenti, kif fil-fatt ikkonferma r-rikorrent fl-affidavit tiegħu, fejn sostna li l-istil ta' ħajja tal-konvenuta ma offrietx ħajja stabbli lill-minuri. Illi l-Qorti għandha d-dover li f'kawżi bħal dawn, tara u tħares dejjem l-interess suprem tal-minuri. Għaldaqstant, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti takkorda l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrent. Il-Qorti tiddeċiedi wkoll li kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, safar, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri, għandha tittieħed mir-rikorrenti waħdu mingħajr il-bżonn tal-awtoriżazzjoni u /jew il-kunsens tal-konvenuta.

Illi dwar il-manteniment, il-Qorti dejjem irriteniet li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied mhuwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew introjtu tal-ġenitur iżda huwa obbligu assolut. Dan ifisser li kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu.  Għalhekk, l-obbligu tal-konvenuta li tħallas il-manteniment għal uliedha indipendentement mill-fatt, hijiex taħdem jibqa' *in vigore*. Għalhekk, din il-Qorti tordna li l-manteniment għall- ulied minuri dovut mill-konvenuta lir-rikorrent  għandu jkun ta' sitt mitt ewro (Ewro 600) fix-xahar, li jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u ta' edukazzjoni. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm l-ulied minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax-il sena jew jibdew jaħdmu fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Fil-każ li l-ulied, jibqgħu jistudjaw, fuq bażi *full-time*, wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-ulied jagħlqu l-eta` ta tlieta u għoxrin sena jew sakemm itemm l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunke benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-ulied minuri inkluż 'children's allowance' għandu jkun perċepibbli mir-rikorrent.  Jekk l-ulied imorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-18 -il sena, il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

<u>DEĊIDE</u>

Għalhekk, u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1.Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li qed tafda l-kura u kustodja tal-minuri G, H I u J unikament u esklussivament f'idejn ir-rikorrenti.

2.Tilqa t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna li r-residenza tal-minuri għandha tkun mar-rikorrenti missierhom.

3.Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tiffissa somma ta' sitt mitt Ewro (Ewro 600) fix-xahar bħala manteniment li għandha titħallas mill-konvenuta lir-rikorrent għat-tlett uliedhom minuri. Din is-somma għandha tinkludi wkoll l-edukazzjoni u saħħa tal-istess minuri.

4.Tilqa' r-raba` talba u tordna lill-konvenuta tħallas l-ammont ta' Ewro 600 bħala manteniment għat-tlett ulied, liema manteniment għandu jitħallas direttament f'kont bankarju tar-rikorrent kif indikat minnu, l-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax-il sena jew jibdew jaħdmu fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Fil-każ li l-ulied, jibqgħu jistudjaw, fuq bażi *full-time*, wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm l-ulied jagħlqu l-eta` ta tlieta u għoxrin sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk l-ulied imorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-18 -il sena, il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

5. Tilqa' l-ħames talba u tawtorizża lir-rikorrent sabiex japplika għall-passaport relattiv tal-minuri mingħajr il-firma, awtorizzazzjoni jew il-kunsens tal-konvenuta.

6. Tilqa' s-sitt talba u tawtorizża lir-rikorrent sabiex isiefer barra minn Malta flimkien mal-minuri mingħajr il-firma, awtorizżazzjoni jew il-kunsens tal-konvenuta.

7. Tilqa’ s-seba’ talba u tikkonferma r-restrizzjonijiet u l-kondizzjonijiet imposti fuq il-konvenuta relatati mas-safar tal-minuri skont is-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet D E F vs A C (248/11AL).

L-ispejjeż jitħallsu mill-intimata.

Dr. Abigail Lofaro

Imħallef

Rita Vella Baldacchino

Deptuat Reġistratur